



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Barranin

2011/0177(APP)

21.9.2012

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar ir-rapport interim sabiex jiffaċilita r-riżultat pożittiv tal-proċedura ta' approvazzjoni tal-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 (COM(2011)0398 – 2011/0177(APP))

Rapporteur għal opinjoni: Marietta Giannakou

PA_NonLeg_Interim

SUĠĠERIMENTI

1. Ifakkar li waqt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2007-2013, saru għadd sinifikanti ta' korrezzjonijiet fl-Intestatura 4 tal-baġit tal-Unjoni Ewropea, jew minħabba li l-pakketti baġitarji kienu ristretti żżejjed jew inkella minħabba n-nuqqas ta' flessibilità fl-Intestatura 4 fil-konfront ta' ċirkostanzi mhux mistennija; itenni l-pożizzjoni tiegħu li r-responsabilitajiet ġodda kkonferiti fuq l-UE permezz ta' Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jimplikaw finanzjament supplementari adegwat meta mqabbel mal-QFP 2007-2013, sabiex jippermetti lill-Unjoni taqdi r-rwol tagħha ta' attur globali waqt li tirrispetta l-impenji li ħadet diġà; jenfasizza n-natura kumplementari tal-assistenza tal-UE ma' dik mogħtija mill-Istati Membri u l-effett ta' katalizzatur tagħha biex tintervjeni fir-reġjuni li fihom l-assistenza bilaterali mhijiex mogħtija; jappoġġa b'mod partikolari l-proċeduri proposti mill-Kummissjoni għat-tisħiħ tal-programmazzjoni konġunta bejn l-azzjonijiet tal-Istati Membri u dawk tal-UE;
2. Iqis li l-proposta tal-Kummissjoni dwar il-pakkett ta' approprjazzjonijiet għall-Intestatura 4 tirrifletti t-tħassib tal-Parlament Ewropew kif espress fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Ġunju 2001¹, u l-ħtiġiet reali għall-azzjoni esterna tal-Unjoni; jilqa' pożittivament is-sinjali li tirrappreżenta din il-proposta għas-sieħba tal-Unjoni kollha, kemm il-pajjiżi li jibbenefikaw mill-għajjnuna tagħha, kif ukoll il-pajjiżi donaturi l-oħra; jinnota, madankollu, li l-proposta tal-Kummissjoni hi biss il-minimu meħtieġ għall-ilħuq tal-għanijiet tal-UE appoġġati mill-kapijiet ta' Stat u ta' Gvern kollha u mħaddna fit-Trattat ta' Lisbona; jistenna li l-Kunsill, f'każ li ma jistax jappoġġa għalkollox il-proposti tal-Kummissjoni, jidentifika biċ-ċar liema mill-prijoritajiet jew proġetti għandhom jiġu abbandunati jew ridimensjonati, minkejja l-valur miżjud Ewropew ippruvat tagħhom;
3. Itenni, madankollu, il-konvinzjoni soda ħafna tiegħu li ż-żieda fil-flessibilità tal-baġit fil-QFP kollu kemm hu, meqjusa neċessarja mill-partijiet kollha, hija partikolarment ta' importanza fundamentali fil-qafas tal-Intestatura 4; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi, jekk ikun hemm il-bżonn, regoli speċifiċi għal din l-intestatura baġitarja sabiex tiggarrantixxi l-kapaċità ta' reazzjoni għall-kriżijiet u għall-ħtiġijiet imperattivi li għalihom ma jistgħux isiru pjanijiet minn qabel, filwaqt li tirrispetta bis-siħ il-prerogattivi tal-awtorità baġitarja; jieħu nota, madankollu, li l-Kummissjoni pproponiet mekkaniżmi mtejbja fi ħdan kull programm pluriennali biex jingħata lok li l-UE tadatta l-finanzjament tagħha għall-ħtiġijiet u l-limitazzjonijiet politiċi;
4. Itenni l-appell tiegħu favur proċedura xierqa għar-riallokazzjoni tal-fondi li ma jintużawx fl-Intestatura 4 fi tmiem is-sena baġitarja; iqis, barra minn hekk, li l-approvazzjoni tal-Parlament għar-Regolament tal-Kunsill għall-qafas finanzjarju pluriennali 2014-2020 għandu jingħata bil-kundizzjoni, fost oħrajn, tal-qbil tal-Kunsill mal-proposti tal-Kummissjoni għall-użu mill-ġdid ta' dħul u rimborżi ġġenerati mill-istrumenti finanzjarji; jilqa' pożittivament il-proposta tal-Kummissjoni li jsir aktar użu minn strumenti finanzjarji innovattivi fil-qafas tar-relazzjonijiet esterni ma' firxa usa' ta'

¹ Testi adottati f'dik id-data, P7_TA(2011)0266, Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew bit-titolu "Ninvestu fil-ġejjieni: Qafas Finanzjarju Multiannwali ġdid (QFM) għal Ewropa kompetittiva, sostenibbli u inklużiva".

organizzazzjonijiet u istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti;

5. Itenni s-sostenn tiegħu għall-istrumenti kollha ta' implimentazzjoni tal-azzjoni esterna tal-Unjoni Ewropea proposti għall-perjodu 2014-2020¹, u b'mod partikolari l-istrument tal-*viċinat*; jenfasizza li għandha jinżamm bilanċ xieraq bejn l-assistenza għall-*għrien tal-Lvant* u dawk tan-Nofsinhar, filwaqt li jitqiesu wkoll ir-risultati tal-pajjiżi benefiċjarji; jilqa favorevolment l-istrument ta' *sħubija l-għdid* li għandu l-għan li jinawgura forma għdida ta' kooperazzjoni mal-pajjiżi li huma ta' interess strateġiku għall-Unjoni;
6. Itenni, barra minn hekk, is-sostenn tiegħu lill-Bank Ewropew tal-Investment u l-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp, li jistgħu jibqgħu ċerti li l-UE se tiggarrantixxi l-kooperazzjoni finanzjarja tal-pajjiżi għrien, partikolarment fir-rigward tal-finanzjamenti tal-SMEs u l-mikrokrediti;
7. Iqis li trid tiġi implimentata adattabilità akbar tal-assistenza finanzjarja lill-pajjiżi kandidati u kandidati potenzjali kif anki lill-pajjiżi benefiċjari u *sħab oħrajn*; huwa fil-fatt konvint li l-isforz baġitarju mogħti mill-Unjoni Ewropea għandu jikkorrispondi għar-ritmu u l-progress effettivi, skont il-prinċipju ta' '*iktar għal iktar*', waqt li tinżamm f'*kunsiderazzjoni l-kapaċità ta' integrazzjoni tal-Unjoni*; jenfasizza li l-prinċipju ta' '*iktar għal iktar*' ifisser ukoll inqas għall-pajjiżi li ma jonorawx l-impenji tagħhom;
8. Ifakkar fir-responsabilità tal-UE għall-promozzjoni tas-sigurtà, id-demokrazija, ir-rispett tal-Istat tad-dritt, u l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli u inklużiv; jenfasizza bil-qawwa l-valur miżjud tal-programmi pluriennali tal-UE bħall-Istrument għall-Istabbiltà u l-istrument għad-drittijiet tal-bniedem f'dan ir-rigward; jenfasizza wkoll li kull programm ta' azzjoni esterna tal-UE għandu jsir aktar aċċessibbli għas-soċjetà ċivili, għall-imsieħba soċjali u għall-awtoritajiet lokali u reġjonali, bl-għan li jiġi mħeġġeġ l-impenn u l-proprjetà tagħhom;
9. Jiddefendi bil-qawwi l-*ħtieġa* li r-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza, li wriet li tiffunzjona partikolarment tajjeb fil-forma attwali tagħha, tinżamm bħala riżerva mhux programmata barra l-limiti massimi tal-QFP 2014-2020 u li din tingħata b'allokazzjoni finanzjarja sinifikanti u realistika, biex b'hekk l-Unjoni tkun tista' tindirizza rapidament kwalunkwe *ħtieġa* mhux prevista jew kriżi mhux mistennija permezz ta' mobilizzazzjoni ad hoc kull meta jkun meħtieġ; jilqa' b'sodisfazzjon il-proposta tal-Kummissjoni li żżid il-finanzjament tagħha għal EUR 350 miljun (prezzijiet tal-2011) u li tippermetti l-użu tagħha sas-sena n+1 bħala pass pożittiv fid-direzzjoni t-tajba; jisħaq li l-integrazzjoni tar-Riżerva ta' Għajnuna f'Emerġenza, kif suġġerit minn xi Stati Membri, fl-Intestatura 4 toħloq ir-riskju li tirriżulta fi tnaqqis tal-finanzjament ġenerali disponibbli għall-azzjoni esterna tal-UE;
10. Iqis li biex il-politika estera tal-UE tkun effikaċi, huwa importanti li s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jingħata biżżejjed riżorsi biex iwettaq l-għadd ta' kompiti fdati lilu,

¹ Strument Ewropew ta' *Viċinat*, Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni, Strument għall-Istabbiltà, Strument ta' *Sħubija*, Strument tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp, Strument Ewropew għad-Demokrazija u għad-Drittijiet tal-Bniedem, Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, Strument ta' Għajnuna Umanitarja, Strument Ewropew għall-Protezzjoni Ċivili, assistenza makroekonomika, Fond Ewropew ta' Garanzija għall-azzjoni esterna.

li kulma jmur qiegħed dejjem jikber; jenfasizza, iżda, f'dan ir-rigward li tali riżorsi għandhom jintużaw fl-aktar mod effiċjenti possibbli, anki permezz ta' struttura tal-persunali aktar ibbilanċjata.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	20.9.2012
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 60 -: 4 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Franziska Katharina Brantner, Elmar Brok, Jerzy Buzek, Tarja Cronberg, Arnaud Danjean, Mário David, Michael Gahler, Marietta Giannakou, Ana Gomes, Andrzej Grzyb, Liisa Jaakonsaari, Jelko Kacin, Ioannis Kasoulides, Nicole Kiil-Nielsen, Evgeni Kirilov, Maria Eleni Koppa, Paweł Robert Kowal, Eduard Kukan, Vytautas Landsbergis, Krzysztof Lisek, Sabine Lösing, Ulrike Lunacek, Francisco José Millán Mon, María Muñiz De Urquiza, Annemie Neyts-Uyttebroeck, Norica Nicolai, Pier Antonio Panzeri, Ioan Mircea Paşcu, Alojz Peterle, Bernd Posselt, Hans-Gert Pöttering, Cristian Dan Preda, Libor Rouček, Tokia Saïfi, José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Nikolaos Salavrakos, Jacek Saryusz-Wolski, György Schöpflin, Werner Schulz, Marek Siwiec, Sophocles Sophocleous, Laurence J.A.J. Stassen, Charles Tannock, Inese Vaidere, Johannes Cornelis van Baalen, Geoffrey Van Orden, Sir Graham Watson, Boris Zala
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Laima Liucija Andrikiienė, Elena Băsescu, Marije Cornelissen, Jacek Protasiewicz, Teresa Riera Madurell, Carmen Romero López, Marietje Schaake, Helmut Scholz, Alf Svensson, Indrek Tarand, Traian Ungureanu, Ivo Vajgl, Luis Yáñez-Barnuevo García, Joachim Zeller, Janusz Władysław Zemke
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Maria Badia i Cutchet, Ivari Padar